**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 235 / 2021 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Derek Paul Borg**

**Illum, 30 ta' Ġunju 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Derek Paul Borg ID: 0123097 M, imwieled USA fil-5 ta' Frar, 1992, iben Carmel u Andreana nee' Muscat, residenti 'Oakville', Triq San Blas, Nadur, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli:

"..... *fit-28/02/2021 għall-ħabta tas-18:30hrs fi Triq San Blas, Nadur:*

*Soqt vettura ta' għamla Suzuki bin-numru ta' reġistrazzjoni DER 292 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;*

*B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Mary Debono u Kurunato Debono.*

*F'każ ta' ħtija l-Qorti flimkien mal-piena għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li jidrilha xieraq."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tal-10 ta' Jannar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 216 (1) (d), 221 (1), 226 (1) (b) u 226 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u kif ukoll sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' Mary Debono filwaqt li sabitu ħati biss li kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Kurunatu Debono u kkundannatu għal ħlas ta' multa komplessiva ta' EUR 2,000 u kif ukoll b'applikazzjoni tal-artikolu 15 (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan għal żmien sena mil-lum li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl.

Rat ir-rikors tal-appellanti Derek Paul Borg minnu ppreżentat fl-20 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-10 ta' Jannar 2023 in kwantu l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u alternattivament u fl-eventwalita` illi l-Qorti ssib ħtija, tirriformaha kwantu għall-piena.

Rat illi l-aggavju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**A. <u>L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta inġustament sabet lill-esponenti ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu</u>:**

Illi l-appellanti umilment jissottometti illi huwa ma kellu ebda tort fl-inċident in kwistjoni stante li fil-mument tal-inċident huwa kien maħkum mil-effetti tad-diżordni li rriżulta li kien qed ibati minnha fejn huwa ntilef minn sensih bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tiegħu.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi ma kinitx konvinta illi fil-mument illi l-esponenti kellu l-inċident de quo huwa kien qed isofri minn xi kundizzjoni medika u dan peress li skont l-istess Qorti għaddew sitt xhur mid-data tal-inċident sad-data li l-appellant ġie riferut l-ewwel darba quddiem l-ispeċjalista Dr. Joelle Azzopardi. L-esponenti umilment jissottometti li din il-konklużjoni hija manifestament ħażina u li l-fatti in atti lkoll jippruvaw illi l-esponenti kien qed isofri mil-PLMD, liema kundizzjoni induċiet somnolenza fl-esponenti fil-mument tal-inċident:

Fl-ewwel lok l-esponenti jissottometti illi mhux minnu illi huwa dam sitt xhur sabiex jikseb għajnuna medika. Minn kif irriżulta mill-atti l-esponenti ġie riferut għand l-ispeċjalista Dr. Joelle Azzopardi mingħand ċertu Dr. Rapa u dan wara li kien diġa assoġġettat għal numru ta' testijiet.

Wara l-inċident l-esponenti ġie operat u wara li fieq minn din il-kirurġija t-tobba kuranti mill-ewwel bdew jinvestigaw saħħet l-esponenti. Peress li fil-mument tal-inċident l-esponenti kien diġa dijanjostikat li jbati mil-kundizzjoni tal-*obstructive sleep apnea* t-tobba ssusspettaw li l-inċident seħħ riżultat tal-*obstructive sleep apnea* u għalhekk l-ewwel eżerċizzju investigattiv li sar mill-mediċi kien dak li vverifikaw jekk il-kundizzjoni tas-*sleep apnea* kinitx qed tiġi trattata b'mod adekwat. It-tobba irtiraw il-magna tas-CPAP (magna li tipprovdi ossiġnu lill-appellanti waqt l-irqad tiegħu) mingħand l-appellanti u wettqu testijiet tekniċi sabiex jiġi identifikat jekk din il-magna kinitx qed tiffunzjona tajjeb jew inkella kellhiex xi ħsara u kif ukoll

sabiex jistabbilixxu jekk l-appellanti kienx qed jagħmel użu kif minn dan l-apparat kif kien mistenni.

Hekk kif tikkonferma l-ispeċjalista Dr. Azzopardi stess[1] minn dawn l-investigazzjonijiet li kienu saru qabel ma l-każ ġie riferut lilha, kien irriżulta li l-magna kienet qed taħdem b'mod tajjeb. Mil-*loggings* li ġew estratti mil-magna rriżulta wkoll li l-appellanti kien qed juża l-magna kif suppost u ċioe' ta' kull lejl u għalhekk kien meqjus bħala "compliant"[2].

Kien biss wara li sar dan il-proċess, liema proċess ħa x-xhur, u ġie stabblit is-suespost li t-tabib Dr. Rapa irrefera l-każ mediku tal-esponenti lill-ispeċjalista Dr. Joelle Azzopardi. Wara li f'Awwissu 2022 l-każ ġie riferut għand din l-ispeċjalista saru investigazzjonijiet mediċi ulterjuri minnha sabiex jiġi stabbilit għalfejn l-esponenti ħassu ħażin dakinhar tal-inċident. Wara li saru dawn it-testijiet mediċi

---

[1] Fl-affidavit tagħha "Dok. JA1" l-ispeċjalista Dr. Joelle Azzopardi tgħid "he was referred to me by his GP in August of 2021 as he was still having excessive daytime somnolence **despite documented compliance with his CPAP machine**. (enfasi tal-esponenti)

[2] Dr. Azzopardi tixhed:

Ix-xhud: "Yes, u għandna records li juru li kien qed jużaha sew u kien compliant jiġifieri kien qed jużaha kull lejl u r-riżultati kienu qegħdin ikunu sew."

[…]

Ix-xhud: Għandna l-prova għaliex il-magna jkollha ċ-ċippa fiha li tindikalna kif qed tintuża l-magna.

Il-Qorti: U dejjem kienet qed tintuża tajjeb?

Ix-xhud: U dejjem kienet qed tintuża kważi kull lejl li għalina hija abbastanzi.

[…]

Il-Qorti: U f'dan il-każ kien qed jagħmel it-treatment imma.

Ix-xhud: Kien qed jagħmel it-treatment, kien qed jagħmel sew.

irriżulta li l-esponenti kien filfatt qed ibati minn kundizzjoni medika oħra apparti dik tal-*obstructive sleep apnea* u ċioe' dik tal-PLMD liema kundizzjoni hija waħda rari. Hekk kif tikkonferma Dr. Joelle Azzopardi l-effett tal-PLMD huwa l-istess bħal tal-*obstructive sleep apnea* u ċioe' dik li l-persuna li tbati minn din il-kundizzjoni ma tistrieħx tajjeb u konsegwenza t'hekk jaf ikolla mumenti fejn litteralment torqod.

Illi għalhekk mhux minnu li l-esponenti ma ħax azzjoni u ma indirizzax il-problemi mediċi minnufih. Wieħed irid jikkunsidra illi l-proċess investigattiv mediku jieħu ż-żmien u mhux wieħed istantanju. Wieħed irid ukoll jikkonsidra illi l-esponenti ġarrab ġrieħi gravi li kienu ta' periklu għal ħajtu u dan meta qata' nerv u arterja. Huwa ovvju li qabel ma l-professjonisti ffokaw fuq x'setgħet kienet il-kawża għall-akkadut, huma kellhom l-ewwel jindirizzaw u taw prijorita' lil dawn il-ġrieħi stante n-natura tagħhom liema proċess ukoll ħa ż-żmien.

B'hekk it-trapass ta' sitt xhur mid-data tal-inċident sad-data li ġie riferut għand Dr. Azzopardi huwa wieħed kompletament normali u raġenevoli u dan anke fil-kuntest tal-impenji oħrajn tal-professjonisti mediċi li żgur għandhom bosta pazjenti taħt il-kura tagħhom. Di piu, l-esponenti umilment jissottometti illi anke li kieku huwa traskura u qatt ma indirizza l-kawża għall-inċident bl-ebda mod ma jimmina jew ibiddel il-fatt illi fil-mument tal-inċident huwa kien maħkum b'din il-kundizzjoni.

Huwa wkoll ovvju li l-kundizzjoni li jbati minnha l-esponenti ma ġietx żviluppata ġo ftit xhur iżda kienet preżenti fil-mument li seħħ l-inċident stradali.

Illi in atti jeżistu numru ta' indizzji oħra li lkoll ikomplu jikkonfermaw il-fatt illi l-inċident seħħ direttament konsegwenza tal-kundizzjoni medika tal-esponenti:

i. Fil-verżjoni li ta l-appellanti lill-pulizija investigattiva, mogħtija a tempo vergine u li tinsab imniżżla fl-okkorrenza, meta interrogat mill-pulizija huwa stqarr "li ma jafx x'ġara". Għalkemm il-pulizija investigattiva setgħu elaboraw f'aktar dettal dak li ntqal mill-esponenti huwa evidenti li b'din il-frażi l-esponenti ried ifisser li ntilef minn sensih. Dan jikkorrispondi ma' dak li xehed bil-ġurament u kif ukoll mar-riżultati mediċi sussegwenti fuq imsemmija. Fix-xhieda tiegħu l-appellanti jgħid:

| | |
|---|---|
| Dr. Larry Formosa: | Imma kif ġara, id-dinamika, taf tgħidilna? |
| Ix-xhud: | Ma nafx, f'illi kont għaddej insuq, f'illi nsib lili nnifsi maqlub ġol-karozza, m'għandix idea x'ġara. |
| Il-Qorti: | Jiġifieri kellek blackout? |
| Ix-xhud: | Hekk jidher, as in unconscious. Kulma naf illi f'illi qed insuq, f'illi naf li qegħdin maqlub ġol-karozza. |

L-istqarrija u xhieda tal-appellant tikkorispondi perfettament u tikkombaċa ma' dak li xehdet l-ispeċjalista Dr. Azzopardi fejn tgħid:

| | |
|---|---|
| Dr. Larry Formosa: | U s-sintomi li qed issemmi li kienu qed jimmanifestaw ruħhom? |
| Ix-xhud: | Bħala, nigħidulu "excessive daytime somnolence" jiġifieri ħafna għajja u desire to sleep. |
| Dr. Larry Formosa: | U dik kif timmanifesta ruħha fil-ħajja ta' kuljum? |

Ix-xhud: Sleepiness, jiġifieri wieħed jista' jorqod at any given moment, mhux f'ħin l-irqad jiġifieri.

Dr. Larry Formosa: Tajjeb.

Ix-xhud: Ikun bil-qiegħdha jew whatever u jorqod.

Dr. Larry Formosa: U f'każ ta' sewqan?

Ix-xhud: **Jista jorqod f'każ ta' sewqan**.

Mil-provi rriżulta li fil-mument tal-inċident kienu jeżistu l-elementi kollha sabiex l-PLMD timmanifesta ruħha u tiskatta s-somnolenza. Dan għaliex l-esponenti kien qed jirritorna lejn id-dar wara logħba futbal (eżerċizzju fiżiku li jħallik bla enerġija), kien ġol-vettura waħdu fis-skiet u ħemda f'ħin li kien qed jidlam, ġewwa triq mingħajr traffiku u mingħajr bżonn li jagħmel xi manuvri sabiex jevita xi ostakoli. Dawn il-fatturi jikkombaċaw perfettament mal-ambjent rikjest għas-somnolenza. Dan l-istat ta' fatt jikkorrispondi ma' dak li xehdet Dr. Azzopardi fejn ikkonfermat li l-kundizzjoni tal-PLMD iġġib is-somnalenza f'mumenti bħal dawk li kien fihom l-esponenti. Fix-xhieda tagħha hija tgħid:

Il-Qorti: Imma d-domanda hi, hu jkun iħossu tajjeb u f'daqqa waħda qisu switch u jagħtih in-nagħas? Jew ikun iħossu dejjem għajjien u f'ċertu ħin tant ikun iħossu għajjien li anke jongħos? Dik hija d-domanda.

Ix-xhud: Hija xi ħaġa li hija fluctuating. Jekk hemm xi affarijiet li jġibu l-irqad per eżempju kwiet perfett wieħed għandu iktar tendenza li jongħos.

ii. Waqt is-smiegħ tal-kawża ġie esebit filmat tas-CCTV li qabad dan l-inċident iseħħ. Minn eżami ta' dan il-filmat jidher li l-esponenti kien qed isuq b'veloċita' adekwata u bl-ebda mod ma kien qiegħed isuq b'veloċita' eċċessiva jew b'xi mod traskurat. Dan il-fatt ikkonfermatu wkoll l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Jirriżulta li t-triq hija leġġerment angolata. Fil-mument tal-inċident ma jidhirx li kien hemm traffiku jew bżonn li x-xufier jagħmel xi manuvra diffiċli. Jidher li f'mument minnhom il-vettura tal-esponenti baqgħet miexja f'direzzjoni dritta għall-ġol vettura tal-parte civile. Jidher ben ċar li ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' manuvra sabiex il-vettura ssegwi l-liwja tat-triq iżda l-vettura tidher li kienet bla kontroll u baqgħet miexja fl-istess direzzjoni. Huwa ovvju li dan kien il-mument fejn l-esponenti ntilef minn sensih u waqaf jimmanuvra l-vettura.

Jirriżulta li l-parte ċivile ppreżentaw bosta ritratti u provi iżda żammu mistur mill-prosekuzzjoni u mill-Qorti dan il-filmat li ġie biss esebit fuq insistenza tal-esponenti waqt id-depożizzjoni ta' iben il-parte ċivile. Huwa ovvju li l-parte ċivile osturaw din il-prova għaliex kienet prova li ġġib fix-xejn l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-esponenti.

L-esponenti jagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ il-Pulizija vs Kevin Caruana tat-3 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti irriteniet:

> *"Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk* ***li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta****'."*

Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment jissottometti illi ġie suffeċentament ippruvat sal-grad tal-probabbilta' li l-inċident seħħ riżultat tas-somnolenza kawża tal-kundizzjoni medika PLMD. Għalhekk ma' kien hemm ebda traskuraġni u/jew *criminal misconduct* da parti tal-imputat u dan peress illi huwa ma kienx jaf li kellu din il-kundizzjoni u ma kellu ebda kontroll fuq l-akkadut.

Fil-każ Il-Pulizija (Spettur Jason Francis Sultana) (Spettur Jonathan Ransley) vs. Mario Gatt Numru: 53/2015 deċiża nhar it-2 ta' Lulju 2019 il-Qorti abbraċċjat l-insenjament tal-Profs. Mamo rigward ir-responsabbilta' kriminali fejn fin-Noti tiegħu jgħid:

> "The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: actus non facit reum, nisi mens sit rea. The act alone done does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the mens rea or guilty mind, with which the act is done. It is not enough that a man had done some act which, on account of its mischievous tendencies or results, the law prohibits: before the law can justly punish the act, an enquiry must be made into the mental attitude of the doer. For although the act may have been materially or objectively wrongful, the mind

and will of the doer may have been innocent. The distinction between the material and formal wrong-doing has long been familiar in moral philosophy. The material badness of an act depends on the actual nature, circumstances and consequences of it. Its formal badness depends on the state of the mind or will of the actor. The madman who kills his keeper offends materially but not formally; so also with him who in invincible ignorance breaks the rule of right. Material without formal wrong-doing is no ground of culpability" (Paġna 56 tan-Noti).

L-istess Qorti għamlet riferenza ulterjuri għan-noti ta' Profs. Mamo rigward is-somnabuliżmu fejn huwa jikteb hekk:

"For which reason, almost all writers, old and modern, are in agreement that no man can be held criminally liable for anything done by him in his sleep. Some writers, it is true, have suggested that such a man might conceivably be held accountable by reason of negligence (culpa) if, knowing himself to be subject to the somnambulistic habit and being able to foresee that this might lead him to violate the law, he did not take the necessary precautions to prevent this happening. But in any such exceptional case, any punishment which the law could inflict at all, would not be for the act done in sleep, but for the failure to take the necessary care when awake." (Paġna 93-94 tan-Noti).

F'dan il-każ il-Qorti kompliet:

"Illi, tenut kont ta' dan kollu, b'mod specjali l-fatt li hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u tenut kont tal-fatt li, kif inghad aktar kmieni, apparti l-element materjali jrid jigi sodisfatt ukoll l-element formali, ma tirrizulta l-ebda negligenza da parte tal-imputat. Filwaqt li jirrizulta ppruvat li l-incident stradali effettivament sehh pero' mehud in konsiderazzjoni l-fatt li fil-mument tal-akkadut limputat

kien qieghed taht il-kondizzjoni tal-black out li tikkreja l-epilepsija, b'hekk l-element formali tar-reat huwa nieqes."

F'każ ieħor fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs Francis Scerri (każ nru. 787/2002) deċiż nhar id-29 ta' Settembru 2004 l-imputat kien akkużat illi kien ikkaġuna l-mewt ta' persuna meta kien qed isuq il-vettura tiegħu. Wara l-inċident irriżulta li huwa kien qed ibgħati mis-*sleep apnea* u minħabba f'hekk il-Qorti iddeċidiet "Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u specjalment in vista tax-xiehda illi inghatat mit-tobba u mill-ispecjalisti, bl-ebda mod ma jista jinghad illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-incident in kwistjoni gara tort ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fis-sewqan u / jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-imputat".

In vista ta' dan l-esponenti umilment jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi stante li l-provi kollha jimmilitaw favur il-liberatorja tal-esponenti stante li l-inċident stradali kien wieħed ta' żvintura u seħħ konsegwenza diretta tal-kundizzjoni medika li l-esponenti kien isofri minnha u ta' liema huwa ma kellu ebda konoxxenza u kontroll.

**B. <u>Il-Piena inflitta hija waħda esaġerata u sproporzjonata</u>:**

Illi dan l-aggravju qed isir mingħajr preġudizzju għas-suespost u alternattivament fl-eventwalita` illi l-Qorti ssib ħtija.

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-esponenti jħallas is-somma ta' €2,000 u kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mid-data tas-sentenza. L-esponenti umilment jissottometti illi din il-piena inflitta fuqu hija waħda esaġerata u sproporzjonata.

Illi fil-ħajja ta' kuljum l-użu tal-vettura huwa essenzjali f'ħafna aspetti tal-ħajja moderna, inkluż li tmur għax-xogħol, tagħmel qadjiet, u sabiex wieħed jieħu ħsieb il-familji tagħna. Mingħajr liċenzja tas-sewqan l-esponenti se jkun kostrett jiddependi fuq it-trasport pubbliku, li ġewwa Għawdex huwa magħruf li ħafna drabi ma jkunx affidabbli u jieħu ħafna ħin. Għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li s-sospensjoni ta' sena sewqan hija waħda ħarxa.

Di piu' l-esponenti jinsab sorpriż għad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti meta fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena għamlet referenza u straħet fuq il-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfonso Abela deċiża mil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Marzu 2005 fejn f'dan il-każ l-imputat Abela nstab ħati li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'sewqan perikoluż u/jew b'nuqqas ta' ħila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar persuna u kkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi. F'dan il-każ l-akkużat ġie kkundannat għal mitejn lira Maltin (LM200) multa, ġiet ordnata s-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-appellant għal żmien tlitt (3) xhur. B'hekk kien umilment mistenni li l-Ewwel Onorabbli Qorti tapplika wkoll il-piena inflitta f'dan il-każ ċitat minnha.

Illi l-esponenti jagħmel referenza għal sentenzi oħra riċenti tal-qrati tagħna li lkoll juru biċ-ċar illi l-piena inflitta fil-konfront tal-esponenti hija waħda esaġerata u sproporzjonata meta komparata magħhom:

Fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Carmel Micallef' tat-13 ta' Jannar 2016 l-imputat ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) mingħajr sospensjoni ta' liċenzja.

Fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. Frank Anthony Tabone) vs Marc Henry Schembri' – tat-13 ta' Ottubru 2015 l-imputat ġie kundannat għal liberta

kundizzjonata għal perjodu ta' sena u ġie skwalifikat milli jżomm liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem.

Illi l-appellant għandu fedina penali netta, huwa persuna illi studja sa livell terzjarju u għandu impjieg stabbli u qatt ma kien la ta' piż u lanqas ta' periklu għall-kumplament tas-soċjeta'.

Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottometti illi f'każ li ma għandux jiġi milqugħ l-ewwel aggravju kif dedott f'dan ir-rikors ta' appell, ċertament illi jeżistu l-estremi kollha rikjesti sabiex jiġi milqugħ dan l-aggravju rigwardanti l-piena inflitta fuq l-esponent u tali piena tiġi riformata u ridotta.

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament ħażin tal-fatti u l-liġi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Julian Genovese**:[3] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-***

[3] Deċiża 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***<u>Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.</u>**[4]" [12.5.94]; "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[5]" [14.2.1989]; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[6]" [31.5.1991]; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[7]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropożitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**<u>R. v. Cooper</u>**[8]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of*

---

[4] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[5] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[6] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[8] 1969] 1 QB 276.

*papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[9]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, dment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madankollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[10] ingħad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[9] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[10] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Diċembru,1994.

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħethom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tagħhom meta dawn xehdu.  Għaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha.  Iżda, din il-Qorti tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konklużjoni ta' ħtija.

Huwa prinċipju fundamentali tal-proċess penali li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jiġu pruvati **<u>oltre kull dubju dettat mir-raġuni.</u>**  Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer,</u>**[11] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju.  Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni.  Fi kliem ieħor, **<u>dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**<u>-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati.</u>**  Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi.  Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.  Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad

---

[11] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997.

jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[12]

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-cirkostanzi kollha tal-każ."*

**<u>Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu.</u>** Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

---

[12] Appell Ċivili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiż fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[13] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[14] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-każ **Teper vs. R** [15] jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[16]

---

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[14] 1997 Edition Para 10-3.
[15] 1952.
[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 1998.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija.

Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xhieda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[17] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif ġie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[18] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal

[17] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[18] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-għemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-evidenza li nġabet quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>PS 559 J. Spiteri</u>**[19] xehed permezz t'affidavit fejn spjega illi nhar it-28 ta' Frar, 2021 għall-ħabta ta' 6.30pm waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa tar-Rabat, ġie infurmat illi kien hemm kolliżjoni fi Triq San Blas, Nadur u waħda mill-vetturi kienet inqalbet. Hu ġie nfurmat illi kien hemm anke xi nies feruti u allura mar fuq il-post fejn kienet waslet l-ambulanza u bdew jagħtu l-għajnuna lill-appellant li kien ix-xufier tal-vettura DER292 li kienet inqalbet u ġiet fuq il-ġenb tagħha f'nofs ta' triq. Hu kellem lill-appellant li kien qallu li kien irnexxilu joħroġ mill-vettura għaliex kien għenu xi ħadd. L-appellant kien ġie meħud l-isptar fejn kien ġie ċċertifikat li kien qiegħed ibati minn ġrieħi gravi minn Dr. Syed Mehdi. Iktar tard hu kellem lill-appellant fejn dan tal-aħħar kien qallu '*Jien kont qed insuq fi Triq San Blas sejjer l-isfel lejn id-dar u kull ma naf hu li kont ser nigbed lejn ix-xellug (lejn San Blas) u x'hin dort ma nafx x'gara u nsib ruhi maqlub bil-karozza*.' Fuq il-post tal-kolliżjoni kien hemm ukoll il-vettura l-oħra li kienet involuta

[19] Fol. 5 et seq tal-proċess.

bin-numru tar-reġistrazzjoni FBM853 u maġenba kien hemm Mary u Koronato Debono li wkoll bdew jiġu mdewwija mill-istaff tal-ambulanza. Hu spjega li Mary qalet hekk: '*Jiena kont qedgha barra mill-karozza tieghi n-naha tal-passigier u kelli l-bieba tal-karozza miftuha ghax kont qed nohrog basket min gol-karozza u f'daqqa' wahda giet il-karozza l-ohra (DER292) min fuq u laqtet il-karozza tieghi minn wara u mad-daqqa mexxitha metru l-isfel u jien waqajt mal-bankina x'hin il-karozza tieghi tharrket ghax imbuttatni.*' Koronato stqarr hekk '*Jien kont barra mill-karozza taghna (FBM853) hdejn il-bieba tax-xufier u l-karozza l-ohra (DER292) giet min fuq u tat daqqa lil karozza taghna fuq wara u kaxkrita l-isfel u jien hbatt wicci mal-karozza taghna u sadanattant l-karozza l-ohra nqalbet u baqghet titkaxkar l-isfel fuq il-genb taghha, imma lili ma hakmitnix.*' Dr. Natalina Gatt Ellis iċċertifikat li Mary kienet qed issofri minn ġrieħi ta' natura gravi filwaqt li Koronato kien qed isofri minn ġrieħi ħfief.

**<u>Mary Debono</u>**[20] xehdet nhar id-29 ta' Novembru, 2021 fejn qalet illi kien il-Ħadd 28 ta' Frar, 2021 u kienet sejra tara n-neputi. Ipparkjat, kienu hu u Natu u hi ħarġet mill-karozza u l-ieħor beda jagħlaq il-karozza. Hi marret iġġib il-*handbag* min-naħa ta' wara tal-karozza u f'daqqa' u l-ħin tisma' ħabta kbira u l-karozza tagħat daqqa' fi spallita u waddbita mil-art. Tgħid li dak il-ħin hi ma ħasset xejn bix-xokk u qamet tgħajjat 'Qatlu! Qatlu!'. Imbagħad it-tifel David Debono ġab lil Natu għax riedet tarah u għax bdiet taħseb li miet mad-daqqa'. Hi spjegat li għamlet żmien l-isptar Malta u bdew jippruvaw isalvawlha subgħajha iżda xorta tilfitu. Hi qalet li trid tibqa' bl-uġigħ għax in-nervitura tibqa' tħoss is-suba qisu għadu hemm. Hi għarfet lill-appellant fl-awla u spjegat kif dan kien inqaleb bil-karozza meta l-karozza tiegħu daħlet f'tagħha. Spjegat illi hi kienet in-naħa tax-xufier fuq il-bankina meta marret iġġib il-*handbag* iżda l-karozza tal-appellant telgħet fuq il-bankina u qarsitilha subgħajha. Qalet illi marret għand ħafna tobba fosthom għand ċertu Mr. Azzopardi. Kellha spallitha mċarrta u

[20] Fol. 25 et seq tal-proċess.

għamlilha labra għax ma setgħetx iżżomm bl-uġigħ illi l-karozza ma ratiex ġejja. Hi kkonfermat illi kienet il-karozza tal-appellant li nqalbet. Hi qalet illi lill-appellant dak il-ħin ma ratux iżda l-isptar kien quddiemha u qalilha '*sorry*'. Mistoqsija jekk għandhiex xi ritratti jew filmati tgħid li t-tifel tagħha għandu.

**<u>Coronato Debono</u>**[21] xehed ukoll nhar id-29 ta' Novembru, 2021 fejn qal li l-inċident seħħ nhar it-28 ta' Frar, 2021 f'6.15pm. Spjega li kienu pparkjatai fi Triq Daħlet Qorrot, Nadur, kien qiegħed jagħlaq il-karozza u Mary kienet fuq il-bankina ġġib xi ħaġa minn ġol-karozza u hu u jagħlaq il-karozza ra karozza ġejja għal fuqhom. Hu jgħid illi mal-impatt tkisser it-tyre tal-karozza u hu friża, beda jirtriegħed u ħaseb li ħa joqtlu u ħares u ra l-karozza bid-daqqa'. Mary staqsietu '*Gralek xi haga*?' għax ħasbet li l-karozza l-oħra laqtitu. Hu spjega li l-isptar kienu qalulu m'għandek xejn. Hu jgħid li b'xokk ma kienx jaf x'tip u x'kulur kienet il-karozza l-oħra. Mistoqsi jekk jafx min kien qiegħed isuq il-karozza l-oħra hu wieġeb li le. In kontro-eżami jgħid li ra karozza maqluba u li hu kien qed jagħlaq il-karozza u ra karozza oħra ġejja fuqu. Ix-xhud qal ukoll li brejkijiet ma kienx hemm.

**<u>David Debono</u>**[22] xehed nhar id-29 ta' Novembru, 2021 fejn qal li Mary Debono tiġi ommu filwaqt li Coronatus jiġi zijuh. Hu spjega li kien fil-kamra tal-ikel qed jistenna lill-ommu tiġi tara lit-tifel u ħass qisha damdima kbira. Meta ħareg barra kien hemm il-ġirien barra u sema 'David! David!'. Hu għall-bidu ma setax jikkonoxxi eżatt x'qed jiġri, ra ċappa sewda quddiemu u kienet qiegħ ta' karozza. Hu spjega li dan l-inċident sar Triq San Blas, barra mid-dar tiegħu. Kompla jgħid illi bdew jgħidulu li kien hemm ommu mal-art u l-ewwel li ra kien iz-ziju li qas felaħ jitkellem u kellu tiċrita superfiċjali fuq ġbinu tal-lemin. Hu lemaħ lill-ommu bilqiegħda mil-art u kellha d-demm ħiereġ minn sieqha. Ġie nfurmat li kien hemm xi ħadd maqbud fil-karozza l-maqluba u kien

---

[21] Fol. 34 et seq tal-proċess.
[22] Fol. 37 et seq tal-proċess.

hemm xi żgħażagħ li ħarġuh mill-bieba tal-passiġġier. Dan il-persuna poġġa fuq il-bankina opposta u kellu idu mgeżwra. Hu ċempel lill-pulizija u kien hemm xi ħadd li kien qal ċempel ambulanza. Hu indika l-appellant quddiem l-ewwel Qorti. Hu jiftakar li ġiet l-ambulanza għall-appellant u kien ġibdilhom l-attenzjoni li kien hemm ommu mal-art. Ħuh u l-mara tiegħu marru l-isptar sabiex jaraw kif kienet ser tibqa' ommu. Sussegwentament ħuh infurmah li lill-ommhom kienu ser iżommuha u li kienu ser joperawha l-għada fil-ħdax. Hu kien baqa' fuq il-post u rranġa ma' tat-*towing* u l-mekkanik. Ommu kienet damet kważi xahar l-isptar. Qabel l-inċident ma kellhiex problemi ta' saħħa u kienet tieħu ħsieb il-ħaddiema tax-xogħol tagħhom. Wara l-inċident ommu bdiet tgħix miegħu u jgħinuha huma. Hu esebixxa ritratt tax-xena kif raha hu x'ħin ħareġ mid-dar. In kontro-eżami qal li fil-pussess tiegħu għandu CCTV u li ma kienx għaddih lill-pulizija għaliex dawn ma kinux marru jiħduh fil-ħin. Mistoqsi għaliex ma kienx ġabu miegħu dakinhar, hu spjega illi għaliex min irkuprah ma xtaqx jiġi għaliex hu viċin tal-familja tal-appellant u qalalu xeba inkwiet fil-familja. Hu qal li CCTV ġabu mid-dar taz-ziju tal-mara tiegħu.

David Debono[23] reġa' xehed nhar it-23 ta' Frar 2022 fejn ppreżenta żewġ *footages* wieħed minn faċċata ta'dar u ieħor mill-ġenb tal-istess dar, it-tnejn juru l-inċident. Hu spjega li dawn il-*footages* kien ġabhom mid-dar tan-nanna tal-mara tiegħu, Cornelia Tabone. Hu spjega li dan ġie mgħoddi lilu sabiex iżommu għalih u dan għaliex l-appellant u l-familja tiegħu huma ħbieb ta' min għaddijulu u talabulu iżda hu kien ser jesebih fuq ordni tal-Qorti. Spjega li bħala *footages* hemm wieħed mill-faċċata u wieħed mill-ġenb għax it-triq fejn ġara l-inċident tifred waħda lejn Daħlet Qorrot u l-oħra lejn San Blas, fin-nofs hemm dar u dan il-*footage* ittieħed minn din id-dar. Hu kkonferma li għamel *download* tal-filmat hu.

[23] Fol. 58 et seq tal-proċess.

**Dr. Thomas Azzopardi**[24] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li kien eżamina lil Mary Debono nhar il-21 t'April, 2021 u sab li kienet qed issofri minn 4% diżabilta' u dan wara l-amputazzjoni ta' parti mis-subgħa l-kbir tas-sieq tax-xellug f'inċident tat-traffiku li seħħ fil-21 ta' Frar, 2021. Hu qal ukoll li kien prepara rapport mediku datat 4 ta' Settembru, 2021. Huwa qal ukoll illi l-ġrieħi huma ta' natura gravi salv kumplikazzjonijiet.

Mr. Azzopardi għamel affidavit ieħor[25] li ġie maħluf nhar it-23 ta' Mejju, 2022 fejn qal li kien hemm żball fid-data tal-inċident fl-affidavit li kien għamel qabel u dan għaliex id-data tal-inċident tat-traffiku kienet nhar it-28 ta' Frar, 2021 u mhux il-21 ta' Frar, 2021. Ġie ppreżentat ukoll ir-rapport mediku ppreparat minnu.

**Dr. Joelle Azzopardi**[26] xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li l-appellant inizjalment kien jiġi segwit minn *respiratory physician* ieħor u f'2015 fejn kien preskritt CPAP għax kien dijanjostikat b'*Severe Obstructive Sleep Apnoea Syndrome (OSAS*) b' AHI ta' 28.9. l-appellant kien referut għandha mit-tabib tal-familja tiegħu f'Awwissu ta' 2021 għaliex hu kien għad ikollu ngħas eċċessiv bi nhar u dan minkejja konformita' dokumentata ma' *CPAP machine*. L-appellant kien ġie eżaminat minnha f'Ottubru 2021 u '*full PSG*' kien mitlub sabiex jiġu eliminati *sleeping disorders* oħrajn. Il-PSG sar f'Novembru 2021 li kkonferma *Periodic Limb Movement Disorder (PLMD)* li jispjega għaliex l-appellant kien għad ikollu ngħas eċċessiv bin-nhar u dan minkejja t-trattament għal *Obstructive Sleep Apnoea*. L-appellant beda jieħu Ropinirole fi Frar ta' 2022 bħala trattament għal PLMD u f' Mejju ta' 2022 hu kien għamel kambjament fir-rigward tal-EDS. L-appellant kellu jerġa' jiġi eżaminat minnha f'Novembru ta' 2022 fejn kien pjanat li jiġi ripetut il-PSG wara xi xhur bit-trattament ta' Ropinirole u jiġi osservat il-kambjament tal-PLMD.

---

[24] Fol. 61 tal-proċess.
[25] Fol. 73 et seq tal-proċess.
[26] Fol. 88 tal-proċess.

**Dr. Joelle Azzopardi**[27] xehdet seduta stante nhar it-18 t'Ottubru, 2022 fejn qalet li taf lill-appellant għax hija l-ispeċjalista respiratorja tiegħu. Tgħid illi l-appellant kellu dijanjosi ta' *obstructive sleep apnea* li tali dijanjosi kienet saret minn speċjalista ieħor f'Malta f'2015 fejn kien bdielu t-trattament u fis-sena 2021 it-tabib tal-familja tiegħu rreferih għandha u dan għaliex kien għadu qed ikollu s-sintomi tal-*sleep apnea* u dan minkejja li kien *compliant* u juża l-magna tal-irqad. Hi spjegat illi s-sintomi huma ħafna għajja u *desire to sleep*, u li persuna tista' torqod *'at any given moment'* mhux f'ħin l-irqad jiġifieri. Hi elaborat billi qalet '*Ikun bilqieghda jew whatever u jorqod'* u li '*Jista' jorqod f'kaz ta' sewqan'*. Meta l-appellant ġie riferut għandha, hi għamlitlu test ieħor bl-isem ta' PSG u rriżulta li barra l-*sleep apnea* kellu wkoll kundizzjoni oħra bl-isem PLMD. Din tispjega r-raġuni għaliex hu xorta kien qed jesperjenza *excessive daytime somnolence* minkejja li kien qed juża l-magna l-oħra u għalhekk hi bdietlu mediċina bl-isem ropinirole u kellha terġa' tarah f'Novembru. Spjegat illi t-test tal-PSG għamlitu f'Novembru, 2021. Mistoqsija mill-Qorti kemm kien ilu jbati minn din il-kundizzjoni, hi wieġbet '*Le, ma jindikax pero' s-sintomi skond kif kitibli t-tabib tal-familja qalli li fl-2015 meta hu kien gie diagnosed bl-OSA – Obstructive Sleep Apnea u kien beda is-CPAP machine kien tajjeb hafna, kien sejjer tajjeb imbaghad wara ftit, ma seemiex kemm is-sintomi bdew gejjin lura'*. Hi elaborat illi s-sintomi tal-*sleep apnea* u PLMD huma l-istess, il-pazjenti jkollhom lejl imkisser u allura jorqdu mal-ġurnata. Mistoqsija mill-Qorti jekk min ibati minn dawn il-kundizzjonijiet ikollhomx xi restrizzjonijiet fil-ħajja ordinarja, hi wieġbet illi Malta mhux leġislata illi bniedem li jbati minn *sleep apnea* ma jistax isuq. F'pajjiżi oħra, it-tobba għandhom obbligu li jinfurmaw l-awtorita' tat-trasport sabiex dak li jkun ma jsuqx sakemm jiġi trattat madankollu f'dan il-pajjiż m'hemm l-ebda obbligu legali. Hija qalet illi r-Reprinole tablet tingħata għal PLMD li hija rari ħafna. Mill-banda l-oħra l-*sleep apnea* hija komuni u dwar l-appellant għandha *records* li juri li din il-magna kienet qed tintuża sew u kien *compliant* u jiġifieri kien qed jużaha kull lejl u r-riżultati

[27] Fol. 96 et seq tal-proċess.

kienu qed ikunu sew. In kontro-eżami hi qalet illi l-appellant kien riferut għandha f'Awwissu u hi ratu f'Ottubru 2021 u f'Novembru għamlitlu t-test tal-PSG. In kontro-eżami elaborat illi hija xi ħaġa li hija *fluctuating* u *'jekk hemm xi affarijiet li jgibu l-irqad per ezempju kwiet perfett wiehed ghandu iktar tendenza li joghnos.'* Hi sostniet illi din mhix xi ħaġa kostanti. Tenniet illi huma bħala tobba, *for the better good* jgħidu lill-pazjenti sabiex ma jsuqux qabel jiġu trattati għaliex huwa perikoluż li wieħed isuq mingħajr ma jkun trattat. Iżda dan ma japplikax għall-każ odjern peress li l-appellant kien qed juża s-CPAP u li anke għandha provi li kien qed jużaha kull lejl.

L-appellant **<u>Derek Paul Borg</u>**[28] xehed nhar l-20 ta' Settembru, 2022 fejn qal li kien il-Ħadd għall-ħabta tas-6.30 u kien nieżel lura fi Triq San Blas bil-karozza tiegħu għaliex hu joqgħod ftit 'l isfel, madwar minuta bogħod minn fejn ġara l-inċident. Spjega li ma kienx qiegħed isuq b'veloċita' u dan jista' jiġi kkonfermat mis-CCTV. F'daqqa' kien qed isuq u filli ma jafx x'ġara sab lilu nnifsu maqlub fil-ġenb tal-karozza. Hu qal li kellu jdejh bil-ħġieġ u d-demm u kien hemm żewġ min-nies fit-triq li għenuh joħroġ mill-karozza. Sussegwentament ġiet l-ambulanza għalih fejn irriżulta li kien qata' nerv u arterja, għamel jumejn l-isptar u għamlulu operazzjoni. Spjega li hu kien għadu ġej minn logħba futbol f'Kerċem. Hu reġa' tenna illi filli kien qiegħed isuq u filli sab lilu nnifsu maqlub fil-karozza. Jgħid li ma għandux idea x'ġara. Spjega illi hu jbati minn *sleep apnea* fejn minħabba din il-kundizzjoni bil-lejl jorqod b'magna. Din il-magna rriżulta li kienet qed taħdem tajjeb imbagħad hu għamel test ieħor u rriżulta li kellu kundizzjoni ġdida li ma kienx jaf biha qabel l-inċident bl-isem ta' *periodic limb movement disorder.* Dr. Azzopardi mbagħad tagħtu mediċina għal din il-kundizzjoni l-ġdida. Jgħid li qed jassumu li minħabba din il-kundizzjoni hu u jsuq ma baqax konxju għal ċertu sekondi. In kontro-eżami mistoqsi jekk hu infurmax lil xi Awtorita' jew Transport Malta dwar dawn il-kundizzjonijiet, hu wieġeb li le għax l-i*sleep apnea* kienet trattata bil-magna u għalhekk għamlulu iktar testijiet. Hu tenna li fir-rigward tal-

---

[28] Fol. 90 et seq tal-proċess.

kundizzjoni l-ġdida ma qalulu xejn fuq is-sewqan imma l-preskrizzjoni li tawh tgħinu sabiex jikkura l-kundizzjoni. Hadd ma qallu xejn dwar jekk setax isuq sabiex jaraw il-mediċina kinitx qed taħdem fuqu.

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju jirrigwardja l-apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi mill-ewwel Qorti meta din sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex l-appellant qajjem id-difiża tal-*casus* u dan stante qed jargumenta li l-inċident seħħ minħabba kundizzjoni medika li tista' tikkaġunalu li jongħos. L-ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-appellant ma ressaqx biżżejjed provi sal-grad tal-probabbilta' f'dan ir-rigward u għaldaqstant waslet għall-ħtija tiegħu.

F'dan il-punt ser issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Gatt**,[29] deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, fejn l-appell kien intavolat mill-Avukat Ġenerali u fejn ma kienx hemm dubju li l-appellat kellu kundizzjoni medika u allura l-Avukat Ġenerali tenna illi la dan kien jaf b'tali kundizzjoni ma kellux isuq. Dan il-każ hu kemm xejn differenti, fis-sens illi vera l-appellant kien ibati minn kundizzjoni li kienet qed tiġi trattata, iżda dan tal-aħħar qed jargumenta li kien qed ibati wkoll minn kundizzjoni oħra u cioe' dik tal-PLMD. Is-sentenza suċitata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Gatt** għamlet referenza għal sentenzi oħrajn li jitkellmu fuq *il-culpa*:

> *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus Saverina sive Rini Borg et'***[30] *gie kkunsidrat li:*

[29] Deċiża nhar it-2 ta' Lulju, 2019.
[30] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998.

*'Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċerta prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta' terzi;*

*Il-Professur Giuseppe Santaniello fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, jiddefinixxi ddelitt kolpuż hekk "E' colposo o contro l-intenzione, quando l-evento, anche se preveduto, non e' voluto dall'agente e si verifica a causa di negligenza o imprudenza o imperizia ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. Nel reato colposo e' volontarja la condotta del soggetto agente; mentre non e' voluto l'evento";*

*It-teorija klassika u tradizzjonali, dik imsejħa tal-Carrara, li ripetutament ġiet aċċettata u pprattikata mill-Qrati tagħna, u li in linea tad-definizzjoni fuq mogħtija, hi waħda soġġettiva, li titlob bħala element essenjzali fid-delitt kolpuż dak tal-prevedibbilita' ta' l-event mhux volut;*

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibbilita', fil-każ tal-kolpuż fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruħu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others" u hu proprju dan li jġib in-negliġenza kriminali;'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Spettur Silvana Zrinzo Azzoprdi vs Dorianne Camilleri'***[31] *ġie kkunsidrat li:*

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018.

*'U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:*

*"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

1. *la volontarieta dell'atto;*
2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3. *la possibilita di prevedere.*

***<u>Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.</u>*** *(**<u>vide Il-Pulizija vs John Vella</u>** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l- Appelli Kriminali)[32]"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

---

[32] ***<u>Il-Pulizija v Leonard Grech</u>*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa ta' Settembru, 1990, (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tnejn u erbgħin (42) fis-sentenza ċitata)*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline)*

*Quindi occorrono due requisiti:*

*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*

*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi oħra bħal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tinkwadra ruħha f'erba elementi:*

*1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
*2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
*3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
*4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*[33]

***Dak illi għandu jiġi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-eżercizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq****. Sitwazzjoni bħal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) kontra Richard Grech'***[34] *ġie kkunsidrat li:*

*'Kif jispjega l-ġurista taljan Francesco Antolisei, biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja socjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini*

---

[33] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tlieta u erbgħin (43) fis-sentenza ċitata)
[34] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu, 1996 (Appell Numru 126/95)

*partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi .... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas*

*ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk irregolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f' dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inorsservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudendi jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet <u>specifikatament</u> preskritti minn xi awtorita'.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija (Spettur James Grech) Vs Manwel Farrugia, bin Carmelo u Lorenza nee' Xerri, imwieled Lija fl-20/12/191, residenti 22, 6 ta' Awwissu, Triq Egido Lapira,</u>***

***__Lija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 14242M__'***[35] *fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:*

> *'Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."'*

Fil-każ odjern irid jiġi determinat jekk l-ewwel Qorti kinitx korretta meta ddeċidiet illi l-appellant ma rrnexxilux jipprova l-każ tiegħu sal-grad tal-probabbli kif rikjest mill-liġi. Din il-Qorti fliet l-atti proċesswali u jirriżulta b'mod ċar illi l-appellanti jbati minn *sleep apnea*, li d-dijanjosi tagħha kienet saret fis-sena 2015 u kien qed jiġi trattat għaliha. Dr. Joelle Azzopardi xehdet illi kellha l-provi wkoll illi l-appellant beda jagħmel użu mill-magna tal-irqad kuljum u li l-istess magna kienet qed taħdem tajjeb. *In breve*, it-tabiba Azzopardi spjegat illi l-appellant ġie riferut għandha mit-tabib tal-familja f'Awwissu tal- 2021. Sussegwentament, irriżulta li l-appellant għandu l-PLMD wara li hi għamlitlu t-test tal-PSG f'Novembru tal-istess sena. Spjegat illi s-sintomi tal-PLMD huma l-istess bħal dawk tal-*sleep apnea* u cioe' *excessive sleepiness* li jista' jimmanifestaw ruħhom '*at any given moment*' anke f'każ ta' sewqan u '*hija fluctuating*' jekk per eżempju jkun hemm kwiet perfett hemm iktar ċans li wieħed jorqod. Illi t-tabiba Azzopardi enfasizzat ukoll illi m'hawn l-ebda liġi f'Malta, bħal ma hemm f'pajjiżi oħra, dwar l-obbligi legali ta' professjonisti mediċi u l-pazjenti tagħhom li jinfurmaw l-awtorita' tat-trasport dwar din il-kundizzjoni medika u li sakemm pazjent jiġi trattat m'għandux isuq. Hi saħqet li xorta min-naħa tagħha tinforma l-pazjent sabiex ma jsuqx sakemm il-kundizzjoni tiġi trattata u stabilizzata, iżda tgħid ukoll li dan ma kienx il-każ tal-appellant peress li l-*sleep apnea* kienet treated.

Kif diġa' ġie ritenut, l-appellant qiegħed jallega illi hu kien qiegħed ibati mill-PLMD fil-ħin tal-inċident. Min-naħa l-oħra l-ewwel Qorti, qabel waslet għall-ħtija tiegħu qalet

[35] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Mejju, 2013 (Numru: 339/2010)

li l-appellant ma marx b'mod immedjat jilmenta b'dawn is-sintomi mat-tabib tal-familja tiegħu u stenna sa Awwissu 2021. Għalhekk il-pass li jmiss li trid tieħu din il-Qorti hija li tiddetermina sa liema grad tal-prova l-appellant irnexxielu jipprova l-każ tiegħu.

Din il-Qorti sabiex tkompli ma dak li diġa' qalet iktar kmieni f'din is-sentenza tgħid illi il-grad tal-prova li mistennija tilħaq il-prosekuzzjoni hija dik ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Min-naħa l-oħra, l-akkużat m'hu mistenni jressaq l-ebda prova, iżda jekk jiddeċiedi li jressaq xi prova l-grad li jrid jilħaq l-akkużat hija dik tal-probabbli. Illi mhux l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ċ-ċans tiddeskrivi u tispjega l-grad tal-prova tal-probabbilta' u li tfissirha bil-kelmiet '**<u>x'aktarx aktar iva milli le'</u>**. Dak huwa fil-Liġi l-probabbli. Dan hu l-livell li trid tilħaq id-difiża u ċioe' hu probabbli li l-appellant kien qiegħed isofri minn PLMD fil-ħin tal-inċident jew huwa improbabbli li l-appellant kien qiegħed isofri minn PLMD fil-ħin tal-inċident? L-appellant ikun laħaq il-livell tal-probabbli meta wara li tifli u tixtarr il-provi, il-Qorti tasal għal konklużjoni li x'aktarx iva milli le, hekk ġraw l-affarijiet. Jekk il-prosekuzzjoni tilħaq il-livell tal-probabbli mhux biżżejjed, iżda huwa biżżejjed meta d-difiża tilħaq dan il-grad. Jekk aktarx iva milli le l-affarijiet ġraw kif qal l-appellant, allura jeżisti d-dubju dettat mir-raġuni u dan ifisser li d-difiża tkun laħqet il-livell ta' prova tagħha biex ixekkel il-każ tal-prosekuzzjoni.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-atti proċesswali kollha temmen illi x'aktarx iva milli le, l-appellant kien qiegħed ibati wkoll mill-kundizzjoni tal-PLMD fil-ħin tal-inċident u ma kienx jaf li qed ibati mit-tali kundizzjoni. Mill-provi jirriżulta illi fil-mument tal-inċident kienu jeżistu l-elementi sabiex l-PLMD timmanifesta ruħha u tiskatta s-somnolenza.

It-tabiba Azzopardi filwaqt li saħqet illi filwaqt illi l-*sleep apnea* llum il-ġurnata hija komuni, il-PLMD hija rari u jirriżulta li l-appellant ma kienx jaf li għandu din il-

kundizzjoni medika wkoll qabel ma għamel it-test f'Novembru, 2021. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francis Scerri</u>**[36] ġie ritenut hekk:

> *'Illi irrizulta mix-xhieda kollha illi taw it-tobba illi kienu ikkuraw lill-imputat illi l-imputat kien ibaghti minn "sleep apnea disorder", **<u>izda pero' huwa lanqas biss kien jaf u haseb illi kellu l-problema tas-"sinus".</u>***
>
> ***<u>Illi, b'konsegwenza diretta ta' din id-disordni illi kien ibaghti minnha l-imputat, bi sfortuna kbira kemm ghalih u specjalment ghall-vittma illi spiccat mietet, sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-imputat filli kien qieghed isuq, filli ibblankja kompletament, kawza tal-kundizzjoni li kien qieghed ibaghti minnha, u meta rega' gie f'sensih, sab lilu innifsu rasu 'l isfel bil-vettura u irrealizza li kien involut f'incident stradali, izda ma kienx jaf li kien tajjar lil xi hadd.</u>***
>
> ***<u>Illi fl-istadju ta' l-inkjesta l-imputat ma kienx jaf bid-disordni li kien qieghed ibaghti minnha u effettivament it-tobba illi xehdu spjegaw illi din hija kundizzjoni illi t-tobba lanqas biss kienu jafu biha, saru jafu biha madwar ghoxrin sena ilu, izda f'Malta saru jafu biha biss recentement. L-imputat kull ma kien jaf kien illi kellu l-problema tas-"sinus"; liema problema certament ma kienitx timpedih milli isuq u effettivament it-tabib li kien qieghed jikkurah qatt ma tah xi ordni biex ma jsuqx karozza.</u>***
>
> ***<u>Illi, b'kumbinazzjoni, meta kien qieghed f'St Philips Hospital jistenna li jara tabib iehor, l-imputat iltaqa ma Dr Caruana</u>***

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2004.

***Montalto, li huwa specjalista f'dawn it-tip ta' disordni ta' l-"sleep apnea". Dr Caruana Montalto issuspetta illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn din id-disordni, ghamillu t-testijiet necessarji u sab illi effetivament l-imputat kien qieghed ibaghti mid-disordni ta' "sleep apnea". Dr Caruana Montalto tah xi kura, izda irrizultalu illi l-imputat kellu bzonn ukoll intervent kirurgiku illi sarlu mill-ispecjalista Dr Agius u, wara li saritlu din l-operazzjoni, l-imputat mar 'il quddiem hafna fil-kundizzjoni tieghu.'***

Illi f'din is-sentenza l-Qorti illiberat lill-imputat stante li l-incident *de quo* ġara tort tal-kundizzjoni medika li kien qiegħed ibati minnha l-istess imputat.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-istess appellant Derek Paul Borg mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imħallef

(ft) Mary Jane Attard
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur